MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 360/2010

**Martin Gauci (ID 327054M)**

**Vs**

**L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta**
**(Trasport Malta)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Martin Gauci li bih wara li ppremetta:-

<u>Premessi</u>

Illi l-esponenti gie notifikat b'ittra ufficjali data 22 ta'Settembru 2010, li permezz taghha l-Awtorita intimata qeda titlob il-hlas ta' €846.17 rapprezentanti drittijiet tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura KAM-421 mill-1 ta' Dicembru 2002 sad-data tal-ittra, oltre hlas iehor fl-ammont ta' €668.00 rappresentanti multa amministrattiva

ghal perijodu bejn 1/10/09 u 31/8/10, oltre hlas iehor ta' €326.09 rapprezentanti kontravvenzjonijiet mhux imhallsa.

Ragunijiet tal-oppozizzjoni

Illi bil-qima jinghad illi l-esponenti qed jikkontesta bil-qawwa kollha l-ammonti reklamati fl-ittra ufficjali sudetta u per tant qed jirrespongi t-talbiet dedotti kontra tieghu mill-Awtorita intimata bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhhu mill-beneficcju lilu moghti permezz tal-artikolu 57(4) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u jrid li jopponi l-imsemmija talbiet u dan inter alia ghas-segwenti ragunijiet u cioe':

1. Illi l-licenzja li taghha qeda titlob il-hlas l-Awtorita' intimata hija isimha maghha 'licenzja ghac-cirkolazzjoni'. Il-vettura de quo mhux talli ilha mhux fic-cirkolazzjoni minn qabel Dicembru 2002 talli addirittura din il-karozza giet mibjugha mill-esponenti lilll-persuna ohra qabel Dicembru 2002. Naturalment l-esponenti kien halla f'idejn ix-xerrej biex jiehu hsieb it-transfer relattiv. L-esponent skopra li din il-vettura ma thallsitx il-licenzja taghha proprju issa meta rcieva l-ittra ufficjali sudetta. Illi f'dan l-isfond certament l-esponent ma jistax jigi kkundannat ihallas licenzja ghac-cirkolazzjoni ta' vettura li m'hiex ( u minn qabel Dicembru 02 sallum) qatt ma kienet fil-pussess tieghu;
2. Illi apparti minn hekk l-esponent kien biegh tali vettura bhala 'parts' peress li ma kienx fi stat tajjeb wisq.
3. Illi di piu sta ghall-Awtorita' intimata li tipprova li tali ammont huwa effettivament dovut mill-esponent.
4. Illi l-vettura qatt ma griet fit-triq u l-esponent jaf li gie scrapped.
5. Illi ebda ammont m'hu dovut skond il-ligi.
6. Illi kwantu ghat-talba tal-piena amministrattiva bil-qima jinghad li lanqas din m'hi dovuta peress li l-impozizzjoni o meno ta' tali piena trid necessarjament tghaddi mill-process gudizzjarju biex wiehed jixtarr jekk hiex gustifikata o meno. Allahares ninsabu fil-punt fejn ghax hemm artikolu fil-Ligi li jistabilixxi penali amministrattiva dan huwa fih innifsu 'fait accomplit' u

huwa ‘immune’ ghal gudizzju tal-Qorti. L-impozizzjoni o meno tal-istess tehtieg necessarjament il-kanonizzazzjoni ossia il-pronunzjament ta’ Qorti mhuwiex xi dritt awtomatiku tal-Awtorita intimata.
7. Illi dan apparti l-fatt li l-esponenti jikkontendi illi il-penali amministrattiva tista biss tibda tiddekorri minn notifika tal-ittra ufficjali u mhux qabel. Illi f’dan il-kaz lanqas minn issa l-quddiem ma tista tiddekorri il-piena amministrattiva peress li l-esponent bil-prezenti qed jinforma lill-awtorita illi qabel Dicembru 2002 huwa kien ittraferixxa l-vettura de quo.
8. Illi di piu ebda penali m’hu dovut ghax una volta, kif qed jikkontendi, l-esponent mhux dovuti ebda hlasijiet ta’ licenzja jsegwi li lanqas il-penali konsegwenzjali m’huma dovuti.
9. Illi kwantu ghal hlas tal-kontravvenzjonijiet dawn ukoll m’humiex dovuti u t-talba de quo hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

<u>Talbiet</u>

Ghaldaqstnat l-esponenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeighed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talbiet tal-awtorita’ intimata bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjes kontra l-istess Awtorita’ intimata.

Rat il-lista ta’ xhieda annessa a fol 3 tal-atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fil-11 ta’ Ottubru 2010 (fol 4 ibid).

Rat <u>ir-risposta</u> tal-Awtorita’ intimata (fol 6 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti rrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.
2. F’kull kaz, l-istess rikorrenti qieghed jammetti li *‘il-vettura de quo mhux talli ilha mhux fic-cirkolazzjoni minn qabel Dicembru 2002 talli addirittura din il-karozza giet mibjugha mill-esponenti lill-persuna ohra qabel Dicembru,*

*2002. Naturalment l-esponenti kien halla f'idejn ix-xerrej biex jiehu hsieb it-transfer relattiv'.*

3. Fl-ewwel lok jinghad li l-artikolu 26 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta jrid li tkun sid il-vettura li taghti l-avviz u mhux li sid il-vettura jhalli f'idejn haddiehor biex jaghti l-avviz mehtieg skond il-ligi, Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jghid li l-Awtorita intimata qeghda titlob hlas ghal-licenzja ta' cirkolazzjoni. Imbaghad jghid li l-vettura giet trasferita lil persuna innominata qabel Dicembru 2002. Konvenjentement pero jinsa dak li jghid l-artikolu 26 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li "*u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenza ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanaza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura*". Ir-rikorrenti messu ha hsieb li jara li dak li tghid u trid il-ligi jigi osservat skrupolozament u mhux issa jipprova jahrab mir-responsabiltajijiet tieghu. Ghalhekk biss, ir-rikors ghandu jigi michud.

4. Imbaghad ir-rikorrenti jghid li din il-vettura inbieghet ghal parts u li giet scrapped. Minkejja dan kollu, r-rikorrenti ma tat l-ebda avviz lill-Awtorita intimata kif kien fid-dover li jaghmel.

5. Fir-rigward tal-penali ta' €2 kuljum imposti a tenur tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02) gie indikat lir-rikorrenti u dan sabiex jigi mwissi li hemm din il-multa amministrattiva ghaddejja. Dan l-ammont li sal-lum (1 ta' Novembru 2010) jammonta ghal €792, ma jifformax parti mill-ammont dovut u rikjest fl-ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kull kaz, dak li jallega r-rikorrenti fuq dan il-punt ma huwiex minnu, la fattwalment u lanqas legalment.

6. Illi ghal kull buon fini, lanqas ma huwa r-rikorrenti korrett meta jghid *"Illi f'dan il-kaz lanqas minn issa l-quddiem ma tista tiddekorri l-piena amministrattiva peress li l-esponenti bil-prezenti qed jinforma lill-awtorita' illi qabel Dicembru 2002 huwa kien ittrasferixxa l-vettura de quo"*. Dan ghaliex l-artikolu 26 tal-Kap. 65, hawn fuq imsemmi jitlob li oltre l-avviz, tigi ipprezentata l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment.

Ghaldaqstant l-Awtorita' intimata titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista ta' xhieda annessa a fol 8 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kaz, specjalment dak verbalizzat a fol 44 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi r-rikorrenti (fol 19 et seq ibid) xehed illi kien biegh il-karozza in kwistjoni lil certu Etienne Borg fl-2002 bil-prezz ta' Lm200 u dan sabiex l-istess Borg "… jirrangaha u jdurha". Hu kien ffirma l-'log book' izda wara din l-unika okkazzjoni ma kienx ra' aktar lill-kompratur. Pero, hu biddel dan li ghadu kemm intqal billi qal li, wara xi sentejn, l-istess kompratur kien halla l-pjanci fid-dar ta' omm martu liema pjanci kienu ghadhom fil-pussess tieghu. Inolte kien halla messagg li l-istess vettura "… kissirha ossija skrapjha". Inoltre l-ftehim mal-kompratur kien jinkludi l-kondizzjoni li l-istess kompratur "kellu jmur sabiex idawwarha fuq ismu". Fl-ahhar nett hu qal illi "…. Ma mortx ghand l-Awtorita' peress li naf li kelli nhallas b'lura" u "… dak iz-zmien ma kellix flus f'idejja" (ara ukoll ix-xhieda tat-tifel tar-rikorrenti <u>Roderick Gauci</u> a fol 22 u fol 23 dwar it-tentattivi sabiex jinstab Etienne Borg in konnessjoni mal-avviz ta' 'transfer' li kellu jsir).

Illi r-rikorrenti pprova jipproduci lil Etienne Borg izda kien hemm zewg (2) riferti negattivi.

<u>Ikkunsidrat.</u>

Illi da parti tal-Awtorita intimata gie prodott <u>Brian M Farrugia</u> (fol 32 u fol 35 tal-istess atti) u dan ikkonferma lill l-istess karozza kienet <u>ghadha registrata fuq isem ir-rikorrenti</u> u dan sa mill-4 ta' Dicembru 2000. Dwar <u>il-licenzja tal-vettura</u>, din kienet skadiet fit-30 ta' Novembru 2002 "….<u>u sallum ghadha ma gietx imgedda</u>". Inoltre kien

hemm numru ta’ kontravenzjonijiet mhux imhallsin ammontanti ghal €326.09. Inoltre l-Awtorita ma kienet irceviet l-ebda avviz jew xi tip ta’ korrispondenza “… fis-sens illi jew giet ‘garaged’ jew ‘scrapped’ jew trasferita lil terzi”. Inoltre x-xhud spjega li, sas-sena’ 2004, l-obbligu legali dwar avviz ta’ trasferiment kien jispetta kemm lis-sid kemm lill-kompratur. Izda, wara din is-sena’ l-istess obbligu kien gie ristrett ghas-sid (A.L. 476) 2004 ossija MVR 27 qabel 25). Inoltre fuq il-‘log book’, jrid jkun hemm il-firem tal-venditur (sid) u tal-kompratur oltre dik ta’ xhud tal-firma bl-istess ‘log book’ jigi depositat ghand l-Awtorita’. Hawnhekk jsir xi hlas u jinhareg wiehed gdid f’isem il-kompratur flimkien ma ircevuta komputerizzata. Izda minn dan kollu ma nstabet ebda tracca jew evidenza in konnessjoni mal-vettura in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi, permezz tal-ittra ufficjali,li ma gietx esebita l-Awtorita intimata interpellat lill-istess rikorrenti sabiex jhallas €846.17 bhala drittijiet tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura numru KAM 421 u dan mill-ewwel (1) ta’ Dicembru 2002 sat-22 ta’ Settembru 2010, id-data tal-istess ittra ufficjali oltre €668.00 bhala multa amministrattiva bejn l-1 ta’ Ottubru 2009 u l-31 ta’ Awissu 2010 kif ukoll €326.09 valur ta’ kontravenzjonijiet mhux imhallsa.

Illi kemm mill-provi prodotti kemm mill-artikoli citati fir-risposta tal-Awtorita’ intimata ma nstab xejn li a bazi tieghu wiehed jista’ b’xi mod jiggustifika l-agir jew ahjar in-nuqqas ta’ dan – da parti tar-rikorrenti. Difatti jidher li l-istess rikorrenti naqas u dan b’mod car u evidenti, milli jesegwixxi dak kollu impost fuqu mill-ligi meta, b’mod altament legger u traskurat ‘biegh’ il-vettura in esami, lil terza persuna u hlief li forsi ffirma il-‘log book’ ma ghamel xejn aktar.

Ghalhekk dak mitlub fir-rikors in esami, ghall-ebda raguni, ma jista jigi akkolt fuq bazi la ta’ ligi la ta’ fatt.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------